Ħelow tfal, kif intom?

Kiltu xi biċċa figolla jew bajda tal-Għid? Għamiltu xi kartolina jew kraft f'dawn il-vaganzi? Aħna ninsabu tajbin. Għamilna figolla u kollha kilnieha!

Issa li għaddew il-vaganzi tal-Għid il-Kbir, ser nerġgħu nibdew nagħtukom xi xogħol li intom ser taħdmu kuljum. Kif konna diġà spjegajnielkom importanti li timxu mad-data biex ma jinġabrilkomx ħafna xogħol f'daqqa. B'hekk ser inkomplu naħdmu fuq dak li konna qed naħdmu l-iskola. Nhar ta' Erbgħa ser ikollkom taqraw u tagħmlu attivita' dwar il-ktieb jew l-istorja li tkunu qrajtu. Importanti li tagħmlu reviżjoni ta' dak kollu li għamilna qabel ukoll.

Ser nerġgħu nfakkrukom kif tistgħu taħdmu. Fil-'website' tal-iskola ser issibu kopja tal-'handouts' li ser ikollkom bżonn. Dawn tistgħu tipprintjawhom u taħdmu fuqhom <u>jew</u> inkella tiktbu t-tweġibiet fuq pitazz. Ser ikun hemm ukoll it-tweġibiet tal-'handouts'. B'hekk min qed jieħu ħsiebkom ikun jista' jiċċekkja li qed taħdmu sew.

Ibqgħu ġewwa forsi dan il-'virus' jgħaddi malajr! Qed nimmissjawkom u nħobbukom ħafna! ♥

L-għalliema tat-tieni sena,
*Ms. M. Buttigieg Brooks, Ms. M. Vella Montebello,*
*Ms. D. Seisun Incorvaja, Ms. F. Debono u Ms. A. Sapiano*

flimkien mal-Learning Support Educators,
*Ms. Anneliza, Ms. Analise, Ms. Elaine, Ms. Louise, Ms. Claire,*
*Ms. Charmaine, Ms. Josephine, Ms. Sarah u Ms. Stephanie*